# Psiko-Analiżi?

Iteftef psikjatra miġnun
f'moħħ mimli tajjar
ta' bniedem-problema
w jitolbu
jirxoxta l-imgħoddi mudlam.
U jgħaddu bħal film fuq liżar,
tfulija beżgħana,
żgħożija mormija,
rġulija mikduda —
ħolm biss.

U jogħxa l-psikjatra
u jbierek lil Freud
x'ħin jilmaħ
xewqat mhux mitmuma,
imħabba miċħuda
iwelldu problema
li trabbi egħruqha
f'moħħ dgħajjef uman ......
u jbiegħ il-fejqan.

Il-moħħ tal-bniedem-problema
jissaffa ...... biex issa, imbagħad,
jittappan mill-ġdid
bin-nifs tal-ħajja problema
tas-seklu għoxrin.